MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 785/2011

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Paul Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta’ Settembru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn u ghoxrin Ewro u sitt centezmi (€2,020.06) liema somma hija in konnessjoni ma servizz jew servizzi ta’ komunikazzjoni, numri tal-kont *A/C490944*, mghotija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.
Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-2 ta' April, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-2 ta' April 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u ghoxrin Ewro u sitt centezmi (€2,020.06) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tat-talba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------